Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri - Għawdex)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru: 2/2015

**Maġistrat Dottor Dennis Montebello (appellat)**

**Vs**

**1. Kumitat għall-Klassifikazzjoni ta' Vetturi Vintage maħtur mill-Awtorita' tat-Trasport f'Malta**
**2. Awtorita' għat-Trasport f'Malta (appellant)**
**3. Il-Ministru tal-Finanzi għal kull interess li jista' jkollha**

Illum 24 ta' Mejju, 2019.

4. Dan l-appell jitratta sentenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva tat-30 ta' Novembru, 2018 li biha laqa' appell tar-rikorrent sabiex il-vettura tiegħu tat-tip Triumph GT6 MK11 tal-1971 bin-numru KBI 274 tiġi klassifikata bħala vettura vintage skont l-artikolu 25 tal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni u Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur (Kap. 368).

5. It-Tribunal irraġuna li l-qasma trasversali li hemm fis-saqaf tal-vettura, ma tikkwalifikax bħala *customisation* tal-vettura.

6. Fit-18 ta' Diċembru, 2018 l-intimata appellat mis-sentenza, bl-aggravji jkunu:

    i. L-eċċezzjoni ta' *res judicata* kellha tintlaqa'.
    ii. Id-deċiżjoni ta' rifjut kienet ġustifikata minħabba li li l-vettura ma tistax tiġi klassifikat bħala vintage vehicle għaliex bil-customization li saret, ġie żnaturat il-mudell. Inoltre l-magna u bay engine tal-vettura m'humiex miżmuma tajbin, iżda huma maħmuġin u bis-sadid.

7. Fit-22 ta' Jannar, 2019 ir-rikorrent ippreżenta tweġiba fejn ta r-raġunijiet għalfejn l-appell tal-intimata għandu jkun miċħud. B'mod preliminari argumenta li l-appell hu null għaliex f'dan il-każ mis-sentenza tat-Tribunal m'hemmx jedd ta' appell.

8. Il-qorti qrat l-atti.

**<u>Eċċezzjoni ta' nullita tar-rikors tal-appell</u>**.

9. Permezz ta' eċċezzjoni preliminari, ir-rikorrenti hi isostni li l-appell tal-Awtorita hu null għaliex skont il-liġi m'hemmx jedd ta' appell mis-sentenza tat-Tribunal

ta' Reviżjoni Amministrattiva. Argument bażat fuq il-fatt li fit-Tieni Skeda tal-Kap. 490, il-Kap. 368 ma jissemmiex.

10. Ir-regola ġenerali nsibuha fl-artikolu 22 tal-Kap. 490, fis-sens li parti fi proċeduri quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva li tkun aggravata b'deċiżjoni tat-Tribunal, tista' tappella quddiem il-Qorti tal-Appell fil-kompetenza superjuri jew inferjuri u stabbilita skont it-Tieni Skeda tal-Att.

11. L-artikolu 25 tal-Kap. 368 jipprovdi li deċiżjonijiet tal-Kumitat għall-Klassifikazzjoni ta' Vetturi Vintage huma appellabbli quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Ammistrattiva. Hu fatt li f'dik id-disposizzjoni ma jissemmiex li minn sentenza tat-Tribunal hemm jedd ta' appell. Pero' l-artikolu 22 tal-Kap. 490 jagħmilha ċara li sentenza tat-Tribunal hi appellabbli quddiem il-Qorti tal-Appell. Disposizzjoni li ma tagħmel l-ebda eċċezzjoni:

> *"(1) Kull parti fil-proċeduri quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva li tħoss ruħha aggravata b'deċiżjoni ta' dak it-Tribunal tista' tappella quddiem il-Qorti tal-Appell fil-kompetenza tagħha superjuri jew dik inferjuri".*

12. Ġialdarba l-artikolu 22(1) tal-Kap. 490, ma jagħmilx eċċezzjoni, f'dan il-każ ukoll jeżisti jedd ta' appell mis-sentenza tat-Tribunal.

13. It-Tieni Skeda tal-Kap. 490 hi rilevanti biss għal finijiet ta' kompetenza, fis-sens jekk l-appell għandux jinstema quddiem il-Qorti tal-Appell (Superjuri) jew (Inferjuri). Dan hu ċar minn sub-inċiż (2) tal-istess disposizzjoni:

> *"(2) Il-kompetenza tal-Qorti tal-Appell biex tisma' u tiddeċiedi appell minn deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva tkun dik stabbilita fit-Tieni Skeda".*

14. Hu fatt li l-Kap. 368 tat-Tieni Skeda ma jissemmiex. Pero' tissemma l-Leġislazzjoni Sussidjara 368.02 (*Registration and Licensing of Motor Vehicle Regulations*) li f'regolament 6D tikkonċerna r-reġistrazzjoni ta' vetturi bħala *vintage vehicles* u tagħmel riferenza għall-artikolu 25 tal-Kap. 368.

15. Bis-saħħa tat-Tieni Skeda tal-Kap. 490, hi din il-qorti li għandha l-kompetenza biex tisma' u tiddeċiedi l-appell tal-intimata.

16. Magħmula dawk il-konsiderazzjonijiet tiċħad l-eċċezzjoni preliminari.

**<u>Aggravju dwar eċċezzjoni ta' *res judicata*</u>.**

17. It-Tribunal iddikjara li dik l-eċċezzjoni kienet infondata, u kienet l-istess intimata li nfurmat lir-rikorrent li kellu jedd ta' appell. Żied igħid li, *"…. kif hemm imniżżel ukoll fl-istess deċiżjoni, id-deċiżjonijiet tal-Kumitat jistgħu jiġu riveduti minn żmien għal żmien skont iċ-ċirkostanzi. Għalhekk din l-eċċezzjoni qiegħda tiġi miċħuda".*

18. L-argument tal-appellanti hu li:

*"…. r-rikorrent Montebello kien diġa applika darbtejn oħra (qabel l-applikazzjoni minnu magħmula fit-28 ta' Ottubru, 2015) biex il-vettura in kwistjoni bin-numru ta' reġistrazzjoni KBI 274 tiġi klassifikat bħala vintage u d-deċiżjoni mogħtija f'dawk iż-żewġ drabi kienet illi t-talba tiġi rifjutata proprju minħabba fil-customization billi nqata' trasversalment is-saqaf tal-vettura de quo agitur".*

19. Il-Kumitat tal-Klassifikazzjoni ta' Vetturi Vintage iddeċieda l-applikazzjoni fuq il-meritu u mhux punt proċedurali.

20. Skont Albert Pisani, membru tal-*Vintage Vehicle Classification Committee*, l-ewwel applikazzjoni saret f'Diċembru, 2006 u kienet ġiet miċħuda b'deċiżjoni tal-20 ta' Frar, 2007 (fol. 45). Kuntrarjament għal dak li ssostni l-Awtorita' ma rriżultax li qabel l-applikazzjoni tat-28 ta' Ottubru 2015, ċjoe dik meritu tal-kawża, ir-rikorrent kien reġa applika wara l-applikazzjoni ta' Diċembru, 2016.

21. Il-qorti ma taqbilx mar-raġunament tal-intimata. Jista' jkollok sitwazzjoni fejn vettura ma kinitx miżmuma tajjeb fiż-żmien li saret l-ewwel applikazzjoni, u sussegwentement is-sid ikun ħa ħsieb li jsiru xogħlijiet fuqha tali li l-kundizzjoni tal-vettura titjieb konsiderevolment. Dan apparti li fi żmien li saret l-ewwel applikazzjoni, ma jidhirx li l-liġi kienet tagħti sid rimedju sabiex jappella d-deċiżjoni tal-Kumitat. Fil-fatt kien b'ittra tas-16 ta' Frar, 2007 li r-rikorrent kien ġie nfurmat li l-ewwel applikazzjoni tiegħu ġiet miċħuda.

22. Il-qorti żżid li l-applikazzjoni li għamel ir-rikorrent hi skont l-artiklu 25 tal-Kap. 368 li kien miżjud fl-Att XIII tal-2015, disposizzjoni li ma kinitx teżisti meta saret l-ewwel applikazzjoni.

23. Għaldaqstant, tiċħad l-ewwel aggravju.

**<u>Meritu tal-appell tal-intimata</u>.**

24. L-artikolu 25 tal-Kap. 368 jipprovdi li sabiex vettura tkun klassifikata bħala vintage, hemm bżonn li tissodisfa dawn ir-rekwiżiti:-

> "*(a) il-vettura bil-mutur għandu jkollha tletin sena jew aktar li jibdew jgħoddu mid-data tal-manifattura tagħha;*
> *(b) il-vettura bil-mutur għandha tkun* ***fi stat li jkun, kemm jista' jkun, viċin l-istat oriġinali tagħha kif ikun ipproduċiha l-manifattur****; u*
> *(ċ) il-vettura bil-mutur tkun ġiet* ***miżmuma fi stat li jirrispetta l-ispirtu tal-preservazzjoni ta' vettura vintage****".*

25. M'hemmx kontestazzjoni li mid-data tal-manifattura, il-vettura għandha iktar minn tletin (30) sena.

26. L-applikazzjoni tar-rikorrent kienet miċħuda għaliex:

i. Is-saqaf kien maqtugħ min-nofs trasversalment;
ii. Il-vettura kienet *dirty, shabby and rusty engine* and *engine bay*;

27. Fil-*policy guidelines used for the classification of vintage vehicles*, pubblikati fl-1 ta' Jannar 2016, jingħad:

> *"Applications for vehicles that are dirty and not kept in a good state or condition similar to period will not be certified".*

28. F'dan ir-rigward it-Tribunal qal biss li:

> *"Ir-raġuni tar-rifjut l-oħra, u ċioe' illi l-magna u l-madwar huwa shabby u maħmuġ, huwa xi ħaġa li tista' faċilment tiġi rimedjata".*

29. Fil-fehma tal-qorti dik m'hijiex konsiderazzjoni suffiċjenti. Rimedjabbli jew le, it-Tribunal kellu jikkunsidra jekk il-Kumitat kienx ġustifikat jasal għall-konklużjoni li wasal għaliha.

30. Irriżulta li l-Kumitat li ħa d-deċiżjoni m'għamilx spezzjoni tal-vettura u bbaża d-deċiżjoni fuq ritratti li ppreżenta r-rikorrent. Skont il-liġi l-Kumitat m'għandu l-ebda obbligu li jagħmel spezzjoni tal-vettura, u din hi materja li tidher imħollija għad-diskrezzjoni tiegħu (ara subinċiż (4) ta' artikolu 25).

31. Il-Kumitat ibbaża ruħu fuq ritratti li ppreżenta r-rikorrent stess. Il-qorti hi tal-fehma li kien ikun iktar floku li l-Kumitat jispezzjona personalment il-vettura. Pero' mir-ritratti li pprovda r-rikorrent stess mal-applikazzjoni, jidher li fiż-żmien li saret l-applikazzjoni id-dehra tal-magna ma kinitx dik ta' vettura miżmuma, "***fi stat li jirrispetta l-ispirtu tal-preservazzjoni ta' vettura vintage".*** Kliem li lill-qorti jagħtuha x'tifhem *high standards* ta' kif tinżamm il-vettura. Fir-ritratti jidher li hemm parts li għandhom is-sadid u hemm bżonn dawrha tajba mal-magna u dik il-parti tal-vettura fejn qegħda l-magna. Ritratti li huma ferm differenti minn kif kienet tidher il-vettura meta saret l-ewwel applikazzjoni (ara ritratt tal-magna fejn kienet tidher miżmuma sew).

32. Imbagħad fir-rigward tal-qasma li hemm fis-saqaf, hu evidenti li saret mir-rikorrent sabiex meta jrid ineħħi s-saqaf biex ikun jista' juża l-vettura mingħajr saqaf. Hu minnu li s-saqaf għadu dak oriġinali tal-fabbrika. Min-naħa l-ohra m'hemmx dubju li l-vettura tar-rikorrent ma kinitx manifatturata sabiex tintuża mingħajr saqaf. Tant hu hekk li sabiex jużaha mingħajr saqaf kellu jagħmlilha modifika fis-saqaf, fis-sens li f'parti minnu qasmu min-naħa għall-oħra. Qasma li għadha hemm sal-ġurnata tal-lum.

33. B'dik il-qasma oriżżontali tul is-saqaf, il-vettura ma baqgħetx *"viċin l-istat oriġinali tagħha kif ikun ipproduċiha l-manifattur"*. Dan għaliex il-parti l-kbira tas-saqaf jista' faċilment jitneħħa minn postu u qiegħed jinżamm f'postu wkoll permezz ta' żewġ clips (ara ritratt fl-atti). Dan ma jistax kien il-ħsieb li kellu Giovanni Michellotti, id-diżinjatur famuż tal-vettura GT6 (ara diżinn a fol. 121). Michellotti ma ddiżinjax *convertible* imma vettura *coupe*. Il-vettura tar-rikorrent tista' tintuża kemm bħala *coupe* u wkoll bħala *semi-convertible*. Din żgur li ma kinitx l-ideja tal-manifattur.

34. Il-qorti ma taqbel xejn mar-rikorrent li dik kienet modifikazzjoni *'leġġera'*. Is-saqaf m'għadux fiss, kif diżinjat mill-manifattur. Ir-rikorrent argumenta li l-mudell GT6 kien evoluzzjoni tal-vettura Spitfire, li kienet *convertible*. Pero' l-GT6 ma ġietx diżinjata bħala vettura *convertible*.

35. B'riferenza għal dik il-modifika, it-Tribunal osserva li *"Meta mistoqsija kif GT6s bis-sun roof ġew ikklassifikati bħala vintage, il-membru tal-Kumitat intimat qal li din ma hix customization għaliex hija xi ħaġa li fiż-żmien kienet ġiet aċċettata"*. Il-qorti fehmet li kien hemm każijiet fejn il-Kumitat aċċetta applikazzjoni minkejja li l-vettura ikun sarilha *sun roof* wara li tkun ħarġet mill-fabbrika. Jidher li s-*sunroof* ma kienx wieħed mill-aċċessorji li l-manifattur kien jagħmel f'dan il-mudell ta' vettura. Pero' fil-ktieb *Triumph Spitfire and GT6 A Guide to Originality* ta' John Thomason, jingħad: ***"Although not an official accessory fitted at the factory, Webasto Tudor sunroofs were an 'approved' dealer accessory fitted to a number of GT6 MKIIs and MKIIIs"*** (paġna 156). Fl-istess paġna hemm ritratt ta' vettura GT6 bis-*sunroof*, kif ukoll spjegazzjoni ta' x'kien isir sabiex tissaħħaħ l-istruttura tas-saqaf. Il-qorti fehmet li dak it-tip ta' aċċessorju kien normalment isir għal skopijiet ta' ventilazzjoni minħabba sħana li jkun hemm fl-ispazju ferm limitat fuq ġewwa.

36. Fil-każ tar-rikorrent, m'hemmx dubju li għamel *customization* tal-vettura kif deherlu għall-bżonnijiet tiegħu. Ma tressqux provi li fiż-żmien rilevanti meta l-vettura GT6 kienet tkun manifatturata, dik it-tip ta' *customization* kienet aċċettata li ssir. Modifikazzjoni li kienet invenzjoni tar-rikorrent. Dwar modifiki, fiż-żmien meta saret l-applikazzjoni l-*guidelines* kienu jipprovdu:

> *"2.6 Modifications*
> *Out-of-period modifications and other changes should be avoided. However, the Vintage Vehicle Classification Committe, may, wihout prejudice, consider modifications which are carried out according to manufacturer's and/or manufacturer's approved specifications and made in the spirit of the period in question and in such a manner that the vehicle can, if necessary, be converted back to its original condition"*.

37. Hu fatt li l-qasma fis-saqaf li għamel ir-rikorrent hi rimedjabbli, fis-sens li l-vettura tista' terġa titpoġġa fil-kundizzjoni oriġinali tagħha. Dan minkejja li r-rikorrent ikkonferma li tinvolvi biċċa xogħol minħabba *spray* (fol. 36). Pero' dak m'huwiex biżżejjed. Il-modifika għadha hemm sal-lum, li jwassal għall-possibilta' li l-vettura tintuża bla saqaf. Mill-provi li tressqu l-qorti tikkonkludi li m'hemmx provi ċari li fiż-żmien li kienet manifatturata l-vettura kien aċċettat li l-vettura GT6 MKI, MKII jew MKIII tkun *convertible* jew *semi-convertible*. B'dak li għamel ir-rikorrent ġabha *semi-convertible* tat-tip 'targa'. Ma jistax jintuża l-eżempju ta' vetturi oħra tal-marka Triumph, bħal TR2, TR3 u TR4, li huma mudelli differenti minn dik meritu tal-kawża.

38. Wara li l-qorti qieset l-artikolu 25(b) u l-*guidelines* pubblikati mill-Awtorita, tqies li l-Kumitat kellu dritt jiċħad l-applikazzjoni tar-rikorrent.

39. Fl-aħħarnett il-qorti tagħmilha ċara li m'hijiex tgħid li l-vettura tar-rikorrent hi kundannata li ma tista' qatt tiġi klassifikata bħala *vintage vehicle*, iżda biss li fl-

istat li kienet meta applika fl-2015 il-Kumitat kellu dritt jiċħad l-applikazzjoni għar-raġunijiet li ta. Fil-fatt f'ittra li Brian Farrugia għall-Awtorita' bagħat lir-rikorrent, infurmah *"In this regard, you may rectify the failing point(s) listed above and re-submit a fresh application form VEH15 and photos together with the payment of €50 (application fee) at the Land Transport Directorate, Hall C, weekdays 7.30 am and 3.00 pm".*

**Għal dawn il-motivi:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjoni preliminari tar-rikorrent bl-ispejjeż a karigu tiegħu.**
2. **Tiċħad l-ewwel aggravju tal-appellanti.**
3. **Tilqa' l-kumplament tal-appell tal-appellanti u tvarja s-sentenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni tat-30 ta' Novembru, 2018 billi tħassarha f'dik il-parti li titratta l-meritu u li biha laqgħet it-talba tar-rikorrent. Minflok tiċħad it-talba tar-rikorrent magħmula bir-rikors promotur tat-2 ta' Diċembru, 2015.**

**Salv għal dak li diġa' ntqal dwar il-kap tal-ispejjeż, l-ispejjeż tal-ewwel istanza u tal-appell għandu jinqasmu in kwantu ¾ a karigu tar-rikorrent u ¼ a karigu tal-appellanti.**

Anthony Ellul.